**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 t'Ottubru 2022**

**Rikors Numru: 120/2012 MLF**

**Lino Sammut u b'digriet tad-29 ta' Novembru 2012 gie trasfuz il-gudizzju f'isem James Smamut, Joseph Sammut u Rita Debono mart Joseph Debono, ulied id-defunt Lino Sammut**

**vs**

**Kenneth Gafa**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tal-attur fejn talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallsu is-somma ta' hdax il-elf Ewro (€11,000) skont skrittura privata datata sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u ghaxra (2010), fejn il-konvenut ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur ta' Lino Sammut maghruf bhala l-kreditur, accettanti li jhallas lil kreditur is-somma ta' mitt (€100) Ewro kull xahar konsekutivament u interrottament sakemm tithallas is-somma kollha. Permezz tal-istess skrittura privata gie mifthiem li in mankanza ta' zewg pagamenti konsekuttivi, il-konvenut maghruf bhala d-debitur ikun moruz u ghaldaqstant ikun iddekada mill-facilita' tat-terminu lilu moghti u ghaldaqstant is-somma tkun dovuta immedjatament.

B'referenza ghal istess skrittura privata, l-ewwel pagament kien dovut nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 2011 u kif se jirrizulta l-ebda pagament fis-somma ta' mitt euro (€100) fix-xahar jew somma ohra effettivament ma giet mhallsa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali intavolata, inkluzi spejjez inkorsi ghal mandat ta' sekwestru, u bl-imghaxijiet skont l-oghla rata permessa mil-ligi sad-data effettiva tal-pagament.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

   i. Illi l-attur Lino Sammut qed jippretendi li jinforza drittijiet emanenti mill-iskrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu li saret bejn il-partijiet *de quo* nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Ayrton Buhagiar preliminarjament, l-esponenti jeccepixi illi l-kunsens tieghu fl-imsemmija skrittura privata kien wiehed ivvizjat stante li kien soggett ghal pressjoni indebita min-naha tal-attur u ta' familjari tieghu sabiex jiffirma tali skrittura kif ser jigi ppruvat. Ghaldaqstant, l-esponenti ser jipprocedi rikonvenzjonalment sabiex l-imsemmija skrittura privata tigi dikjarata nulla u bla effett.

   ii. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz qatt ma gie missellef lill-esponenti u s-somma pretiza hija minfuha sabiex tkopri mghaxijiet okkulti. Ghaldaqstant, l-azzjoni attrici ghandha causa illecita stante illi tinkorpora uzura ghad-detriment ta' l-esponenti.

   iii. Illi fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-fondi imsellfa minghand l-attur Lino Sammut spiccaw fil-pussess ta' Kristina Sammut, u certament, l-esponenti m'huwiex responsabbli ghar-restituzzjoni ta' l-istess.

   iv. Illi konsegwentement, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, tant li ghandhom jigu michuda, bl-ispejjes.

3. Il-konvenut ipprevalixxa ruhu mill-azzjoni tal-attur sabiex iharrku in via rikonvenzjonali kif ser jinghad. Fil-kontro-talba tieghu, il-konvenuti jghid hekk:

i. Il-kunsens tal-esponenti fuq l-iskrittura privata bejn partijiet fl-atti tan-Nutar Aryton Buhagiar datata sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kien wiehed ivvizjat stante li kien soggett ghal pressjoni indebita min-naha tal-attur u ta' familjari tieghu sabiex jiffima tali skrittura kif ser jigi ppruvat.

ii. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, is-somma ndikata fuq l-imsemmja skrittura hija minfuha sabiex tkopri imghaxijet okkulti. Ghaldaqstant, l-imsemmija skrittura ghandha causa illecita stante illi tinkorpora uzura ghad-detriment ta' l-esponenti.

Il-konvenut rikonvenjenti talab lil din il-Qorti sabiex tirrexxindi din l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Ayrton Buhagiar tas-sita u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

4. L-attur ma intavola l-ebda risposta ghal din il-kontro-talba.

5. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha pprezentati.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Permezz ta' skrittura datata 26 ta' Awissu 2010 u iffirmata mill-partijiet quddiem in-Nutar Ayrton Buhagiar, il-konvenut kien ikkostitwixxa ruhu bhala veru, cert u likwidu debitur tal-attur Lino Sammut fis-somma ta' €11,000 li kienet inghatat mill-attur lill-konvenut b'titolu ta' self. Skond l-istess skrittura l-partijiet kienu ftehmu li l-konvenut kellu jaghmel pagamenti mensili fis-somma ta' €100 bl-ewwel pagament kien dovut fl-1 ta' Jannar 2011, u li f'kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' zewg pagamenti

konsekuttivi, il-konvenut kien jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu tal-pagament u l-bilanc ikun dovut immedjatament.

ii. Ftit xhur wara li giet ipprezentata din il-kawza, l-attur gie nieqes. James Sammut, iben l-attur, xehed li qabel ma kien gie nieqes missieru, dan kien qallu li l-konvenut kien mar ghandu u talbu jaghtih xi flus sabiex ikun jista' jiftah razzett. Xehed li wara li kien tah il-flus, il-konvenut kien harab lejn il-Germanja. Spjega li l-konvenut kellu relazzjoni ma ohtu Christine Sammut li wkoll kienet informatu b'dawn il-fatti. Ix-xhud kompla jispjega li sussegwentement kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet sabiex tigi ffirmata l-iskrittura datata 26 ta' Awissu 2010 izda l-konvenut ma kienx zamm mat-termini ta' dik l-iskrittura tant li ma kien sar l-ebda pagament da parti tal-konvenut.[1]

iii. L-ispettur Maurice Curmi xehed li fid-9 ta' Gunju 2010 Lino Sammut u t-tifla tieghu Christine Sammut kienu ghamlu rapport mal-Pulizija li l-konvenut kien issellef xi flus minghand l-attur izda ma kien qed ihallas xejn lura. Christine Sammut kienet irrapurtat li missierha l-attur kien anzjan u li ghalhekk il-konvenut kien qed jiehu vantagg minnu. Xehed li wara li sar dan ir-rapport, l-ispettur inkarigat kien prova jaghmel kuntatt mal-konvenut izda kien irrizultalu li dak iz-zmien il-konvenut kien jinsab imsiefer. Xi zmien wara Christine Sammut kienet regghet avvicinat lill-ispettur u talbitu jwaqqaf l-investigazzjoni u qaltlu li kienet giet iffirmata skrittura bejn il-partijiet fejn il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawn il-flejjes. Spjega li fil-11 ta' Dicembru 2010 Christine Sammut kienet sfat vittma ta' omicidju u l-konvenut kien tressaq il-Qorti akkuzat bil-qtil taghha. Sussegwentement kienu ittiehdu proceduri penali kontra l-konvenut fir-rigward tal-flejjes mertu ta' din il-kawza u fejn il-konvenut kien akkuzat bir-reati ta' misapproprjazzjoni u frodi.[2]

iv. In-Nutar Aryton Buhagiar xehed li kien hu li kien irrediga l-iskrittura privata datata 26 ta' Awissu 2010 u dan stante li kien hemm somma flus li l-konvenut kien diga ha minghand l-attur u ried iroddohom lura f'pagamenti mensili. Dak inhar li giet

[1] Ara x-xhieda ta' James Sammut a *fol.* 31 tal-process
[2] Ara x-xhieda tal-ispettur Maurice Curmi a *fol.* 39 tal-process

iffirmata l-iskrittura oltre l-partijiet kien hemm prezenti wkoll iben l-attur James Sammut. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien jinsab mentalment kapaci u f'sahhtu.[3]

v. Il-konvenut xehed li huwa kellu relazzjoni ma' bint l-attur Christine Sammut u matul dak iz-zmien kien jiehu hsieb il-bzonnijiet li kien ikollu l-attur. Xehed li kien hemm okkazzjoni fejn l-attur kien tah is-somma ta' €6,000, inizjalment sabiex jghinu jakkwista negozju ta' razzett tal-fniek, izda imbaghad meta n-negozju ma sehhx, l-attur kien qallu sabiex il-flus izommhom xorta wahda. Qal li xi zmien wara kien mar jahdem il-Germanja izda beda jircievi telefonati minn ulied l-attur li bdew jhedduh bil-familja u jaghmlulu pressjoni sabiex irodd dawn il-flus lura. Ghalhekk huwa kien irritorna lejn Malta u kien f'dawn ic-cirkostanzi li ffirma l-iskrittura privata in kwistjoni. Xehed li minkejja li l-attur kien ghaddielu s-somma ta' €6,000, fuq l-iskrittura giet indikata s-somma ta' €11,000 ghaliex ulied l-atturi riedu jzidu l-imghaxijiet. Kompla jixhed li skond l-iskrittura l-ewwel pagament kien dovut f'Jannar tas-sena 2011 izda f'Dicembru tas-sena 2010 huwa kien gie arrestat in konnessjoni mal-omicidju ta' Christine Sammut u dam arrestat tlett snin. Qal li fiz-zmien li gie arrestat huwa kien jirrisjedi fl-appartament ta' Christine Sammut fejn fost affarijiet ohra kien halla wkoll is-somma ta' €6,000.[4]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob il-hlas ta' €11,000 rapprezentanti somma mislufa lill-konvenut u rizultanti minn skrittura privata datata 26 ta' Awwissu 2010, f'liema skrittura l-konvenut ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur tal-attur f'din is-somma u obbliga ruhu li jaghmel hlasijiet mensili ta' €100 bl-ewwel pagament kien dovut fl-1 ta' Jannar 2011, u li minkejja dan il-konvenut ma wettaq ebda wiehed mill-hlasijiet mifthema.

9. Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici billi jecepixxi li l-kunsens tieghu fl-iskrittura privata *de quo* kien wiehed ivvizjat stante li kien soggett ghal pressjoni indebita min-naha tal-

[3] Ara x-xhieda tan-Nutar Ayrton Buhagiar a *fol.* 47 tal-process
[4] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol.* 53 tal-process

attur u l-familjari tieghu, li l-ammont pretiz ma giex misluf fl-intier tieghu izda tali somma tinkludi imghaxijiet mohbija u li ghalhekk l-azzjoni attrici ghandha causa illecita stante illi tinkludi uzura. Il-konvenut ecepixxa wkoll li l-flus mislufa kienu fil-pussess ta' Kristina Sammut u li ghalhekk hu ma kienx responsabbli ghar-restituzzjoni taghhom.

10. Il-konvenut ressaq ukoll kontro-talba li permezz taghha qieghed jitlob li l-imsemmija skrittura privata tigi dikjarata nulla u bla effett.

*L-Ewwel Eccezzjoni – Vizzju fil-kunsens*

11. Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut jeccepixxi illi l-kunsens tieghu fl-iskrittura privata tas-26 ta' Awwissu 2010 kien ivvizjat stante illi ittiehed b'theddid u pressjoni indebita min-naha tal-attur u l-familjari tieghu

12. L-Artikolu 974 tal-Kodici Civili jippreskrivi li *"Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'ghemil doluz, ma jkunx jiswa."* L-Artikolu 978 tal-istess Kodici ikompli jippreciza illi:

> *"**978.** (1) Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggeghilha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira.*
>
> *(2) F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna."*

13. Fis-sentenza **Edgar G. Soler noe vs H.D. Sir David Campell noe** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5] fid-29 ta' Ottubru 1949, inghad li *"Il-vjolenza tikkonsisti f'vie di fatto jew minacci ezercitati kontra persuna biex jigi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx taghti. Hu però necessarju li l-vjolenza morali tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt; jigifieri biex kuntratt ikun suxxettibli li jigi annullat minhabba l-vjolenza*

[5] *Per* Imhallef T. Gouder

*jehtieg li l-kunsens ta' wahda mill-partijiet ikun gie estratt bi vjolenza; fi kliem iehor li l-kunsens ikun il-frott ta' vjolenza ezercitata li tottjeni dak il-kunsens u mhux ir-rizultat accidentali ta' vjolenza ezercitata biex jigi raggunt skop divers. Mhux bizzejjed li l-kunsens jigi moghti u l-kuntratt ikun sar taht pressjoni ta' forza nsormontabbli ghal dak li jkun ta' l-kunsens; ghaliex dik il-forza tista' tkun forza naturali u nkonxjenti, u ghalhekk – proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista guridiku. Il-vjolenza trid tkun l-opera ta' persuna li tezercitaha biex tottjeni l-kunsens."*

14. Il-konvenut xehed illi l-attur kien tah is-somma ta' €6,000 bl-iskop li jakkwista negozju ta' razzett tal-fniek u li meta n-negozju ma sarx l-attur kien qallu biex izomm il-flus xorta wahda. Skond il-konvenut, l-attur ghamel dan bhala rikonoxximent tas-servigi li l-konvenut jghid kien jippresta lill-attur. Il-konvenut jghid li xi zmien wara huwa kien mar il-Germanja u waqt li kien hemmhekk kien jercievi numru ta' telefonati minghand ulied l-attur li kienu jhedduh. Il-konvenut xehed hekk: "*bdew jghamluli hafna pressure u bdew icempluli hutha, James Sammut u Joseph Sammut illi jekk ma nigix lura jien ghandi l-familja hawn. "Inpattuha lil familja tieghek"*. Skond il-konvenut kien ghalhekk li huwa iffirma l-iskrittura privata tas-26 ta' Awwissu 2010.[6]

15. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi hlief ghax-xhieda tieghu, il-konvenut ma ssotanzja bl-ebda mod din il-verzjoni tieghu. Il-konvenut ma gab ebda xhud jew prova ohra li tista' tikkorrabora din il-verzjoni tieghu. Minkejja li fix-xhieda tieghu jghid *"ma kellix ghazla ohra hlief li mmur u niffirma dik il-karta. Anke rapporti l-ghassa ghandi. Rapporti l-ghassa li kienu jhedduni"*, fl-atti ta' din il-kawza baqa' ma pproduca ebda prova f'dan is-sens. Id-dokumenti ezebiti mill-attur, u cioe' certifikat mediku datat 5 ta' April 2010[7] u kwerela datat 25 ta' Mejju 2010[8] li biha l-konvenut talab li jittiehdu passi kriminali taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta' Christine Sammut, bint l-attur li maghha l-konvenut kellu relazzjoni, ma jistghux iwasslu lil din il-Qorti ghal konvinzjoni li l-kunsens tieghu fuq l-iskrittura privata tas-26 ta' Awwissu 2010 kien vizzjat.

---

[6] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol.* 53 tal-process
[7] Ara Dok KG3 a *fol.* 69
[8] Ara Dok KG2 a fol. 68

16. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni anke ghab-bazi tal-fatt li l-konvenut stess jghid li meta gie lura Malta mill-Germanja, huwa kien mar jghix ghal xi xhur ma' Christine Sammut fl-appartament taghha u ghalhekk jidher li f'xi zmien bejn id-data tal-kwerela u d-data tal-iskrittura, r-relazzjoni ta' bejn il-konvenut u bint l-attur kompliet. Jekk kif jghid il-konvenut fiz-zmien qabel din l-iskrittura huwa kien qieghed jigi mhedded, huwa kellu kull possibilita' sabiex jiehu azzjoni kontra dan it-theddid. Lanqas jirrizulta li l-konvenut ha xi forma ta' azzjoni wara li kienet giet iffirmata din l-iskrittura u kien biss wara li gie rinfaccat bil-kawza odjerna li l-konvenut allega li huwa kien gie ssoggettat ghal dan l-allegat theddid. Id-dokumenti ezebiti mill-konvenut stess juru li ma kellu l-ebda problema sabiex ifittex parir legali meta hass li Christine Sammut, it-tifla tal-attur, kienet hedditu, u jitlob lill-Pulizija sabiex jinbdew proceduri kriminali kontra taghha.

17. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li l-konvenut ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat li t-theddid maghmul lilu mill-attur u l-familjari tieghu kienu l-kawza principali li geghlitu jiffirma l-iskrittura privata tas-26 ta' Awwissu 2010. Konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni ser tigi michuda.

<u>*It-Tieni Eccezzjoni – Kawza Illecita, Uzura*</u>

18. Bit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut jecepixxi illi l-azzjoni attrici ghandha causa illecita stante li l-ammont pretiz jinkludi imghaxijiet mohbija.

19. F'dan ir-rigward l-Artikolu 1054 tal-Kodici Civili jipprovdi li *"Kull kondizzjoni kuntrarja ghall-ghemil xieraq, jew ghall-ordni pubbliku, jew ipprojbita mil-ligi, jew illi ggieghel l-esekuzzjoni ta' haga impossibbli, ma tiswiex, u taghmel ma jiswiex il-ftehim li jkun jiddependi minnha."* Imbaghad l-Artikolu 1852 (1) tal-Kodici Civili jipprovdi li *"L-imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena."*.

20. Fis-sentenza fl-ismijiet **Neg. Lewis Formosa vs Antonio Gatt** deciza fl-20 ta' Novembru 1934, il-Qorti tal-Kummerc[9] irriteniet illi: *"l-legislaturi ta' kull pajjiz fejn*

[9] *Per* Imhallef E. Ganado.

*hemm limiti ta' imghax li jista' jiehu l-kreditur dejjem hasbu ghall-kazijiet illi l-partijiet jistghu jinventaw biex il-kreditur jasal ghal fini tieghu li jiehu imghax akbar minn dak li taghtih l-ligi ... Il-legislaturi allura, biex jaslu fl-uzura u jopponuha, billi din hija odjuza hafna u tirrovina d-debituri, ikkolpew bin-nullita' dawk il-kuntratit li jkunu qeghdin hekk jaghttu l-uzura."* Fis-sentenza fl-ismijiet **Lorenza Bellia vs Carmelo Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Gunju 1945 inghad illi *"Il-konvenzjoni affetta b'uzura hija, ghal dak li jirrigwarda l-uzura, nulla b'mod assolut, jigifieri inezistenti, billi illecita ghaliex projbita mil-ligi (art. 1613, 963 u 696, Ordinanza citata), u hija illecita fir-rigward tal-mutwant (ara sentenza ta' din il-Qorti in re "Carmelo Lia vs Emmanuele Genovese" ta' l-4 ta' Marzu 1938)".*

21. In sostenn ta' din l-eccezzjoni tieghu l-konvenut xehed li *"Il-hdax-il elf Euro kienu qaluli biex ha jghamluhom imghaxijiet. Ha jghamluhom bl-imghaxijiet."*[10] Skond il-konvenut l-ammont li kien ghaddielu l-attur kien ta' €6,000 u mhux l-ammont ta' €11,000 indikat fl-iskrittura privata. Il-konvenut jinsisti li dak minnu allegat jirrizulta wkoll minn domandi li sarulu nhar il-25 ta' Frar 2011 waqt interrogazzjoni mill-ispettur Ivan Cilia, minn fejn skond il-konvenut *"johrog car li hija l-verita', huma, huma stess ghamlu rapport illi huwa sebat elef u mhux hdax-il elf."*[11] Madankollu wara li rat id-domandi li saru lill-konvenut waqt din l-interrogazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li dawn id-domandi bl-ebda mod ma huma ta' sostenn ghal dak allegat mill-konvenut. Ir-referenza ghas-somma ta' €7,000 kienet biss wahda mid-domandi li saru lill-konvenut waqt dak l-interrogatorju u kienet b'referenza ghall-kwerela li l-attur u bintu Christine Sammut kienu ghamlu fid-9 ta' Gunju 2010 li fiha kienu allegaw li f'okkazzjonijiet separati l-attur kien ghadda diversi flejjes lill-konvenut, fosthom is- somma ta' €7,000 u somom ohra.[12] Huwa ghalhekk evidenti li l-kwerela tal-attur u bintu Chrisitne Sammut ma kinitx limitata ghas-somma ta' €7,000. Wara li ezaminat il-provi kollha prodotti f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma lahaqx l-oneru impost fuqu li jipprova u jsostni l-allegata uzura.

22. Fl-iskrittura privata in kwistjoni l-konvenut iddikjara li huwa kien ircieva s-somma ta' €11,000 fi flus kontanti u fuq l-iskrittura halla ricevuta ta' din is-somma. Bl-ebda mod

[10] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol.* 56 tal-process
[11] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol.* 60 tal-process
[12] Ara Dok MC1 a *fol.* 45 tal-process

ma ssir referenza ghal xi imghaxijiet kumpilati fuq somma inferjuri. Ghal kuntrarju l-iskrittura tipprovdi li dan is-self kien sar minghajr interessi. Huwa maghruf li *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur*.

23. *Ex abundantia*, din il-Qorti hadet konjizzjoni gudizzjarja tas-sentenza moghtija fil-25 ta' Mejju 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kenneth Gafa** minn fejn jirrizulta li l-konvenut instab hati, fuq ammissjoni tieghu stess, tar-reati ta' approprazzjoni bla jedd u frodi ghad-detriment tal-attur ghall-ammont ta' cirka €11,000. Ghalkemm huwa principju assodat li l-proceduri civili u dawk kriminali huma separati u distinti minn xulxin, anke ghaliex bejn iz-zewg azzjonijiet japplikaw kriterji differenti ghal dak li jirrigwarda l-piz probatorju, din il-Qorti ma tistax tiskarta l-posizzjoni guridika assunta mill-attur fil-process kriminali. F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs George Aquilina et** deciza fis-16 ta' Dicembru 2015, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) irriteniet illi *"L-ammissjoni tal-appellant fil-proceduri kriminali hi fiha nnifisha prova ta' responsabbilta. Il-fatt li l-proceduri kriminali u civili huma separati minn xulxin, ma jfissirx li dik il-prova m'hijiex ammissibbli f'kawza civili."*

24. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-tieni eccezzjoni tal-konvenut ser tigi wkoll michuda.

*<u>It-Tielet Eccezzjoni – L-ammont misluf ma kienx fil-pussess tal-konvenut</u>*

25. Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu l-konvenut ecepixxa li l-flejjes mislufa minghand l-attur spiccaw fil-pussess ta' Christine Sammut u li ghalhekk m'ghandux ihallashom lura. Fix-xhieda tieghu l-konvenut jispjega li mill-flejjes li kien tah l-attur, huwa kien ghadda s-somma ta' €6,000 lil Christine Sammut u li dawn il-flus baqghu fl-appartament ta' Sammut wara l-mewt taghha.

26. Huwa evidenti mill-kumpless tal-provi li kien il-konvenut il-persuna li issellef il-flus minghand l-attur. L-iskrittura privata dwar is-self saret bejn l-attur u l-konvenut biss u hadd aktar. Anke li kieku ghall-grazzja tal-argument biss din il-Qorti kellha taccetta l-kelma tal-attur li sussegwentement huwa kien ghadda dawn il-flus lil terzi, u cioe' lil

bint l-attur, ma tbiddilx l-obbligu tal-hlas minn fuq il-konvenut. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija wkoll infondata u ghalhekk ser tigi michuda.

*L-azzjoni rikonvenzjonali*

27. Fil-kontro-talba tieghu il-konvenut qieghed jitlob r-rexxissjoni tal-iskrittura privata tas-26 ta' Awwissu 2010 fuq il-premessa li l-kunsens tieghu kien wiehed ivvizjat stante li kien soggett ghal pressjoni indebita, u wkoll stante li l-imsemmija skrittura ghandha causa illecita ghaliex is-somma ndikata tinkludi mghaxijet mohbija.

28. Il-Qorti tirrileva li din il-kontro-talba hija replika tal-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut. In vista tal-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel u t-tieni eccezzjoni, il-kontro-talba tal-konvenut ser tigi wkoll michuda.

**Konkluzjoni**

29. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.

2. Tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' hdax il-elf Ewro (€11,000), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-att promotur – u cioe mill-24 t'April 2012 - sad-data tal-pagament effettiv.

3. Tichad it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali intavolata u l-ispejjez inkorsi ghal mandat ta' sekwestru, ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**